

Brussell, 21 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7288/25

COMPET 176  
IND 86  
POLCOM 58  
RECH 112  
CLIMA 79  
ENER 83  
ENV 186  
ECOFIN 310  
UD 51  
EMPL 94  
SOC 142

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 125 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 125 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 125 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.3.2025  
COM(2025) 125 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli**

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli

**Mhix b'kumbinazzjoni li l-Unjoni Ewropea nbriet fuq l-azzar.** L-Ewropa għandha storja twila u kburija fil-produzzjoni tal-azzar u l-metalli komuni<sup>1</sup>. Il-vantaġġ li għandha l-Ewropa fil-prodotti tal-azzar u tal-metalli ta' valur għoli u oħrajn komuni hu assi kruċjali għal ħafna industrij u prodotti downstream. Dawn is-setturi huma vitali għas-sigurtà ekonomika u l-istabbiltà soċjali tal-UE. Filwaqt li għarfet l-importanza strateġika tagħhom, il-Boxxla għall-Kompetittività<sup>2</sup> identifikat l-azzar u l-metalli bħala qasam ewlieni għall-azzjoni.

**Dawn is-setturi għandhom il-koll għadd ta' sfidi ewlenin komuni b'rabta mal-kompetittività:** il-prezzijiet għaljin tal-enerġija, l-esponiment għal ambjent xejn ekwu fil-kompetizzjoni internazzjonali, il-ħtiġijiet tal-investment fid-dekarbonizzazzjoni, u l-piż regolatorju. Fl-aħħar deċennju, is-sehem tal-UE fil-produzzjoni dinjija tal-azzar naqas għal 7-8%, filwaqt li l-produzzjoni tal-aluminju primarju tirrappreżenta 3.8%<sup>3</sup>. B'mod paralleli, pajjiżi oħrajn, b'mod partikolari ċ-Ċina u fl-aħħar snin anki l-Indja, u diversi pajjiżi oħra fl-Asja u fil-Lvant Nofsani, kabbru bil-kbir il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom, ħafna drabi bl-appoġġ ta' sussidji distorsivi. Minħabba f'hekk, għall-azzar biss, fl-2024 ġie smat li l-kapaċità żejda fid-dinja kienet iżjed minn erba' darbiet u nofs il-konsum annwali fl-UE<sup>4</sup>.

**Filwaqt li l-produzzjoni tal-UE għadha kapaċi tkopri ħafna mid-domanda domestika tal-UE għall-azzar (90%)<sup>5</sup> u għar-ram (83%)<sup>6</sup>, is-sitwazzjoni diġà hija inkwetanti għall-aluminju (46%)<sup>7</sup> u għan-nikil (25%)<sup>8</sup>, speċjalment meta jitqies it-tkabbir qawwi previst fid-domanda sal-2030 għall-aluminju, ir-ram u n-nikil. Barra minn hekk, dawn il-metalli huma l-koll essenzjali għad-difiża. Pereżempju, kanun ewlieni tal-battalja ikun fih 50 sa 60 tunnellata ta' azzar ta' kwalità għolja, sistema tal-artillerija awtopropulsiva jkun fiha sa 100 tunnellata, u inġenju tal-ajru tal-ġlied ikun fih 3 tunnellati ta' aluminju<sup>9</sup>. Hu kritiku li niżguraw katina tal-provvista stabbli u reżiljenti għal dawn il-materjali ħalli nsaħħu l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, niżguraw it-prontezza u s-sigurtà interna tal-UE, nissodisfaw il-ħtiġijiet tad-difiża u ajruspazjali tal-UE, u niżguraw is-sovranià teknoloġika.**

---

<sup>1</sup> Minbarra l-ħadid u l-azzar, il-metalli komuni jinkludu l-ferroligi, marbutin intrinsikament mal-katina tal-valur tal-azzar, u l-metalli mhux ferrużi, l-aluminju, ir-ram u n-nikil. Il-fokus ta' dan il-pjan ta' azzjoni huma l-metalli komuni li jiġu prodotti u negozjati f'volumi kbar, mhux fuq il-metalli f'volumi iżgħar tat-teknoloġija jew prezzjużi, li ħafna drabi jkunu materja prima kritika u għalhekk igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika.

<sup>2</sup> OM(2025) 30 [10017eb1-4722-4333-add2-e0ed18105a34\\_en](https://www.oecd.org/en/about/news/speech-statements/2024/11/96th-session-of-the-steel-committee-statement-by-the-chair.html).

<sup>3</sup> <https://international-aluminium.org/statistics/primary-aluminium-production/>.

<sup>4</sup> Sors: il-kumitat tal-OECD għall-azzar: is-96 sessjoni tal-Kumitat tal-Azzar: Dikjarazzjoni mill-President | l-OECD <https://www.oecd.org/en/about/news/speech-statements/2024/11/96th-session-of-the-steel-committee-statement-by-the-chair.html>.

<sup>5</sup> Sors: il-Eurofer, 126 mn tunnellata ta' produzzjoni/138 mn tunnellata ta' konsum reali fl-2023.


<sup>6</sup> Sors: skeda informattiva ta' SCRREEN 2023 dwar ir-ram.

<sup>7</sup> Sors: l-Aluminju Ewropew: 7% produzzjoni primarja domestika + 39% riċiklaġġ domestiku fl-2023.

<sup>8</sup> Sors: skeda informattiva tal-SCRREEN 2023 dwar in-nikil.

<sup>9</sup> [Repożitorju tal-Pubblikazzjonijiet tal-JRC – Raw materials in the European defence industry](#)

**L-industriji Ewropej tal-metalli huma kommessi li jinvestu fit-teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni u li jnaqqsu t-tniġġis**, u jikkontribwixxu għall-ambizzjoni klimatika u ambjentali tal-UE, bl-industrija tal-metalli<sup>10</sup> tirrappreżenta 8.1% tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE fl-2022<sup>11</sup> barra mill-fatt li hi sors kbir ta' sustanzi niġġiesa tal-arja<sup>12</sup>. Iżda l-kuntest ekonomiku attwali – ikkaratterizzat minn redditi baxxi fuq il-kapital, kompressjoni riċenti tal-marġni minħabba kapaċità żejdav dinjija, nuqqas ta' rieda tal-klijenti li jħallsu premium nadif u inċentivi biżżejjed b'intervent regolatorju – jagħmilha aktar diffiċli għall-industrija tal-metalli tal-UE biex jinvestu fid-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, **l-argument ta' vijabbiltà kummerċjali u finanzjarja mhuwiex biżżejjed** biex jattira l-investituri u l-klijenti. Mingħajr azzjoni u investment sodi, ir-riskju tal-għeluq tal-impjanti u ta' tnaqqisiet fl-industrija għadu reali, b'konsegwenzi serji fuq ir-reġjuni ekonomiċi ewlenin madwar l-Ewropa u fuq is-setturi strateġiċi tagħna fosthom l-industrija tad-difiża u tal-ispazju, li jillimita abbiltà tagħhom li jipprovdu kapaċitajiet u tagħmir kritiċi bil-flessibbiltà u l-ħeffa meħtieġa f'kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel malajr.



*Il-post tas-siti tal-azzar u tal-metalli mhux ferrużi fost l-aqwa 100 sit li jarmu l-gassijiet serra fl-UE. Sors: Il-JRC, il-Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija*

Pereżempju, f'Diċembru 2024, ThyssenKrupp ħabbret pjanijiet għal 11 000 sensja fil-Ġermanja. F'Novembru 2024, ArcelorMittal ipposponiet l-investimenti tagħha fid-dekarbonizzazzjoni madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, f'Ġunju 2024, Liberty Ostrava fir-Repubblika Ċeka ħabbret li falliet. Is-settur tal-aluminju hu twissija tar-riskju taż-żarmar tal-industrijalizzazzjoni, għax tilef għal dejjem parti sinifikanti mill-kapaċità tal-produzzjoni Ewropea tiegħu. Barra minn hekk, aktar minn 50% tal-kapaċità tal-produzzjoni primarja ilha wieqfa mill-2021. Fl-istess ħin, il-produzzjoni tal-azzar tal-UE

<sup>10</sup> Hawn, it-terminu “metalli” jinkludi wkoll użi importanti tal-metalli bħala l-komposti inorganiċi tagħhom, inkluż (pereżempju) materjali tal-batteriji, fotovoltajċi u semikondutturi.

<sup>11</sup> Sors: il-Eurostat, inkluż l-estrazzjoni, il-manifattura ta' metalli bażiċi u l-ipproċessar tal-metalli.

<sup>12</sup> Sors: il-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali, l-2022.

ilha tonqos mill-2017, minn 160 miljun tunnellata għal 126 miljun tunnellata fl-2023. Ir-rata attwali tal-użu tal-kapaċità tal-azzar ta' madwar 65% mhix sostenibbli fit-tul, għax dawn l-industriji b'kapital intensiv ikollhom bżonn jaħdmu b'kapaċità iżjed minn 85% biex ikunu kompetittivi fil-kundizzjonijiet tas-suq.

**Il-Patt għal Industrija Nadifa<sup>13</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli<sup>14</sup>** ħabbru firxa ta' miżuri u l-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni konkret għas-setturi tal-metalli. L-enfasi hi fuq l-isfidi ewlenin tal-kompetittività, jiġifieri li jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, jinħolqu swieq ewlenin għall-prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tizzied iċ-ċirkolarità, jissawwar ambjent internazzjonali ekwu, jinħolqu impjegi ta' kwalità, u jissaħħu l-investimenti. L-UE se tkompli tiddependi fuq sħubijiet globali sodi biex tilħaq l-oġettivi industrijali nodfa tagħha.

**Dan il-pjan ta' azzjoni jikkumplimenta dawn l-inizjattivi usa' u jistabbilixxi programm ta' ħidma komprensiv għall-immedjat u għal żmien medju.** Jibni fuq id-Djalogu dwar l-Azzar li laqqgħet il-President tal-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu u fuq sensiela usa' ta' konsultazzjonijiet. Jindirizza wħud mill-kwistjonijiet ewlenin speċifiċi għas-settur li jxekklu lill-industriji tal-metalli tal-Ewropa milli jirnexxu u jiddekarbonizzaw. Jistabbilixxi miżuri konkreti, li – lkoll f'daqqa – jistgħu jipprovdu solliev b'mod immedjat lill-industriji tal-metalli u jserrhulhom rashom tul il-perkorsi tad-dekarbonizzazzjoni u d-deċizzjonijiet tal-investment tagħhom. Il-perkors tat-tranżizzjoni għas-setturi tal-metalli<sup>15</sup>, ippubblikat ma' dan il-pjan ta' azzjoni, jipprovdi sfond addizzjonali u analiżi minn isfel għal fuq tal-ħtiġijiet u tal-isfidi tal-industriji tal-metalli u l-fehmiet espressi mill-partijiet ikkonċernati differenti. Dan il-pjan ta' azzjoni se jikkunsidra **sħubijiet kontinwi tal-UE ma' pajjiżi terzi, speċjalment il-pajjiżi kandidati**, hekk kif dawn jintegraw fis-Suq Uniku u jersqu lejn l-adeżjoni mal-UE. Approċċ strateġiku għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista jista' jinvolvi investment f'pajjiżi sħab u d-definizzjoni mill-ġdid tal-kollaborazzjonijiet industrijali biex tinholq ekosistema tal-produzzjoni tal-azzar aktar sostenibbli u reżiljenti.

Dan il-pjan ta' azzjoni jistrieħ fuq sitt pilastri ewlenin, jiġifieri li: niżguraw **enerġija nadifa** abbondanti u affordabbli; nevitaw ir-**rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju**; nippromwovu u nippoteġu l-**kapaċitajiet** industrijali Ewropej; nippromwovu ċ-**ċirkolarità** għall-metalli; inħarsu l-**impjegi industrijali** ta' kwalità; u intaffu r-riskji bi **swieq ewlenin** u nappoġġaw l-**investimenti**.

## 1. NIŻGURAW AĊĊESS GĦAL ENERĠIJA NADIFA U AFFORDABBLI GĦALL-INDUSTRIJI TAL-METALLI

**Il-kostijiet tal-enerġija għadhom il-mutur ewleni tal-kompetittività tal-industriji tal-metalli.** Il-kostijiet tal-enerġija jirrappreżentaw sehem akbar tal-kostijiet tal-produzzjoni għall-metalli u l-azzar milli għal setturi oħra. Qabel il-kriżi tal-enerġija, dan is-sehem diġà kien madwar 17% għas-settur tal-azzar<sup>16</sup> u 40% għall-aluminju.<sup>17</sup> Tul il-kriżi tal-enerġija

<sup>13</sup> [https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/clean-industrial-deal\\_mt](https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/clean-industrial-deal_mt)

<sup>14</sup> [https://energy.ec.europa.eu/strategy/affordable-energy\\_en?prefLang=mt](https://energy.ec.europa.eu/strategy/affordable-energy_en?prefLang=mt)

<sup>15</sup> [https://single-market-economy.ec.europa.eu/document/download/fe4b7a0b-cfb9-49fd-9d37-139c1e23832d\\_en](https://single-market-economy.ec.europa.eu/document/download/fe4b7a0b-cfb9-49fd-9d37-139c1e23832d_en)

<sup>16</sup> <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC121276>

<sup>17</sup> <https://www.reuters.com/markets/commodities/sky-high-energy-costs-fan-fire-under-aluminium-zinc-prices-2022-08-12/>

tal-2022, dawn iċ-ċifri telgħu sa 80%.<sup>18</sup> Fl-2025, filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija naqsu mill-milja tagħhom fl-2022, xorta għadhom iżjed mil-livelli storiċi u meta mqabbla ma' postijiet internazzjonali oħrajn tal-manifattura. Il-prezzijiet tal-elettriku huma (2-3) darbtejn sa tliet darbiet iżjed fl-UE milli fl-Istati Uniti<sup>19</sup>, filwaqt li l-prezzijiet tal-gass naturali huma kważi ħames darbiet iżjed minn daww fl-Istati Uniti.<sup>20</sup> L-eletrifikazzjoni diretta tibqa' l-aktar perkors effiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni ta' diversi forom tal-produzzjoni tal-azzar u tal-metalli, filwaqt li oħrajn se jistrieħu fuq metodi tal-eletrifikazzjoni indiretta, bħall-idroġenu prodott mill-elettroliżi, li jżidu s-sehem tal-kostijiet tal-enerġija fil-kostijiet totali tal-produzzjoni meta mqabbla ma' teknoloġiji bbażati fuq il-fjuwils fossili. Bħala tali, hu kruċjali li niżguraw aċċess għal elettriku bi prezzijiet orħos għax dan jappoġġa din it-tranżizzjoni. Barra minn hekk, anki ċerti teknoloġiji bħall-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju u l-użu ċirkolari tal-materja prima huma rilevanti.

### *Innaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija għall-industriji intensivi fl-enerġija*

Biex tisewwa din is-sitwazzjoni diffiċli, l-enerġija jeħtieġ' issir aktar affordabbli. Il-**Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli** jipprovdi elementi importanti tas-soluzzjoni, b'mod partikolari billi jħabbar miżuri biex it-tariffi tan-network isiru aktar effiċjenti, jonqsu t-taxxi u l-imposti fuq l-enerġija, jiġu ffaċilitati l-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs), jitħaffu l-permessi, jitwessgħu u jiġu modernizzati l-grilji, u tiġi inkentivata l-flessibbiltà fis-sistema tal-elettriku. Barra minn hekk, l-industriji intensivi fl-enerġija se jkunu fost il-benefiċjarji ewlenin tal-programm pilota tal-BEI dwar il-PPAs korporattivi.

Soluzzjonijiet oħrajn **maħsubin speċifikament għall-industriji intensivi fl-enerġija** għandhom ikunu proporzjonati mar-rwol preminent li għandhom il-kostijiet tal-enerġija għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni ta' dawn l-industriji. Il-Kummissjoni qed tikkonsulta mal-Istati Membri dwar strument ta' għajnuma mill-Istat għal flessibbiltà nadifa abbażi tal-PPAs u li l-industrija li tikkommetti ruħha li tikkonsma elettriku nadif. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se ttiprovdi gwida lill-Istati Membri dwar it-tfassil ta' skemi ta' appoġġ pubbliku għall-enerġija nadifa permezz ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenza, inkluż il-kombinament tagħhom mal-PPAs, biex ttiprovdi solliev temporanju fil-prezzijiet lill-industriji intensivi fl-enerġija ħalli fl-UE jkunu jistgħu jsiru l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni. L-appoġġ pubbliku fis-settur tal-enerġija għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-**industriji intensivi fl-enerġija u lis-settur tal-metalli**, speċjalment fejn hemm teknoloġiji tal-eletrifikazzjoni, u l-kumpaniji jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-arranġamenti kuntrattwali fit-tul biex itaffu l-impatti tal-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-elettriku. B'dan il-mod, jeħtieġ' jitqiesu l-ostakli potenzjali kollha għall-użu tal-PPAs, inkluż l-impatti potenzjali fuq il-karti tal-bilanċ tal-kumpaniji<sup>21</sup>. Il-Kummissjoni se

<sup>18</sup> <https://www.reuters.com/markets/commodities/sky-high-energy-costs-fan-fire-under-aluminium-zinc-prices-2022-08-12/>

<sup>19</sup> Il-prezzijiet tal-elettriku huma (2-3) darbtejn sa tliet darbiet iżjed mil-livelli fl-Istati Uniti: EUR 0.16 għal kull kWh fl-UE vs EUR 0.07 fl-Istati Uniti fl-ewwel nofs tal-2024 minkejja li naqsu fl-UE (b'EUR 0.04) u baqgħu stabbli fl-Istati Uniti (+EUR 0.01) meta mqabbla mal-ewwel nofs tal-2023 u minkejja t-tnaqqis fil-ħtiġijiet tal-enerġija; <https://www.bruegel.org/policy-brief/decarbonising-competitiveness-four-ways-reduce-european-energy-prices>

<sup>20</sup> Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli.

<sup>21</sup> L-inizjattivi attwali qed jaħdmu biex jindirizzaw uħud minn dawn il-kwistjonijiet: <https://www.ifrs.org/projects/completed-projects/2024/power-purchase-agreements/>; [Power Purchase Agreements, Endorsement consultation | EFRAG](#).



mekkaniżmu tal-aġġustament tal-karbonju fil-fruntier (CBAM) tal-2026, il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura miżuri adegwati (Linji Gwida jew b'forma oħra) għal kumpens indirett tal-kostijiet tal-ETS wara l-2030, filwaqt li tiżgura li dan ikun koerenti ma' mezzji oħra biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Barra minn hekk, ir-regolamentazzjoni tal-enerġija tal-UE tipprovdi qafas għat-tfassil ta' **tariffi tan-network** abbażi tal-prinċipji tal-kostriflettività, it-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li tqis il-ħtieġa tas-sigurtà u l-flessibilità tan-network. L-Istati Membri jistgħu jfasslu t-tariffi tan-network tagħhom b'mod li jibbenefikaw l-industriji intensivi fl-enerġija. Għal dan l-għan, il-Gwida dwar it-tfassil tat-tariffi tan-network imħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli għat-tieni trimestru tal-2025 se tipprovdi aktar dettalji dwar soluzzjonijiet li jnaqqsu l-kostijiet tas-sistema għall-benefiċċju tal-utenti kollha, inkluż għas-setturi intensivi fl-enerġija.

*Inħaffu l-konnessjonijiet mal-grilja u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*

Hekk kif aktar u aktar setturi qed jelettrifikaw, u qed jiddewmu ħafna proġetti tal-espansjoni tan-network, is-settur tal-metalli spiss ikollu żminijiet twal ta' stennija biex jikseb jew jespandi konnessjoni mal-grilja, spiss għal diversi snin. Dan id-dewmien għandu l-potenzjal ixekkel investimenti sħaħ fl-elettrifikazzjoni.

**Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tindirizza l-problemi sottostanti għaż-żminijiet twal ta' stennija għall-konnessjoni mal-grilja.** Il-Kummissjoni se toħroġ Gwida u Rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri biex iqassru ż-żmien ta' stennija għall-konnessjonijiet mal-grilja. Dawn se jinkludu miżuri possibbli fil-qafas legali eżistenti u se jgħinu lill-Istati Membri jneħħu l-applikazzjonijiet spekulattivi jew immaturi mill-kju, u jitbiegħdu, meta meħtieġ, mill-prassi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, u jimxu abbażi ta' kriterji oġġettivi, b'appoġġ għall-investimenti ta' benefiċċju għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-effiċjenza tas-sistema tal-enerġija. Dan se jieħu minn eżempji pożittivi eżistenti f'xi Stati Membri u se jsir bi djalogu mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni se toħroġ ukoll prinċipji gwida fit-tieni trimestru tal-2025 biex tidentifika l-kundizzjonijiet li skonthom għandhom isiru l-investimenti antiċipatorji<sup>26</sup> fil-proġetti tal-grilja. Ftehimiet ta' konnessjoni flessibbli jistgħu jipprovdu wkoll mezz biex l-industriji intensivi fl-enerġija jaċċessaw in-network filwaqt li jsiru dawn l-investimenti fil-grilja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri oħrajn biex tiffaċilita u tħaffef l-aċċess għall-infrastruttura tal-grilja għal proġetti tal-elettrifikazzjoni f'industriji intensivi fl-enerġija.

**Billi l-elettrifikazzjoni diretta mhux dejjem tkun possibbli jew kosteffettiva, l-idroġenu hu faċilitatur ewlieni tad-dekarbonizzazzjoni fl-industriji tal-azzar u tal-metalli.** Pereżempju, it-tnaqqis dirett bl-idroġenu hu l-aktar alternattiva promettenti għad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni primarja tal-azzar, u l-idroġenu hu l-kandidat ewlieni għat-tisħin b'temperatura għolja minflok il-gass naturali anki f'industriji oħra tal-metalli. Biex issir tranżizzjoni kompetittiva, hemm b'żonn provvista abbondanti u affordabbli tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Fil-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni ħabbret ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin se tadotta l-att delegat dwar l-

<sup>26</sup> Dan ifisser investimenti li jantiċipaw tkabbir inċert fid-domanda futura għall-elettriku minħabba l-elettrifikazzjoni. Għal investimenti bħal dawn, l-iċċarġjar tal-kostijiet sħaħ fuq l-utenti attwali jista' jkun piż inġust fuq dawk li jadottaw kmieni, u b'hekk inaqqs ir-ritmu tal-elettrifikazzjoni. Għalhekk, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli jħabbar gwida biex jispjega kif, meta rilevanti f'każijiet immirati, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-baġit pubbliku tagħhom biex inaqqsu l-imposti tan-network ħalli jkopru l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw minn miżuri li jħaffu d-dekarbonizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-suq.

**idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju** biex tipprovdi ċarezza lill-fornituri, lill-offtakers u lill-investituri. Dan l-Att Delegat se jippreżenta regoli kemm jista' flessibbli biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'mod teknoloġikament newtrali.

Barra minn hekk, **it-tielet sejħa tal-Bank Ewropew tal-Idroġenu** mħabbra għat-tielet trimestru tal-2025 fil-Patt għal Industrija Nadifa, se tkompli tappoġġa l-produzzjoni, u b'hekk tiffaċilita l-aċċess għal oftakers industrijali differenti, inkluż l-azzar.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipprijoritizza mill-ġdid il-mandat tal-**Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif** favur is-setturi fejn l-idroġenu hu l-aktar rilevanti għall-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea se timmonitorja u taġġorna l-progress tar-riżerva ta' proġetti tal-Alleanza kull sena, biex issegwi l-espansjoni tas-suq tal-idroġenu u tipprovdi ċ-ċertezza mehtieġav lill-offtakers industrijali, fost l-oħrajn, għall-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom.

*Inħaffu l-irkupru tas-sħana żejda u l-użu tal-enerġija nadifa*

Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u l-promozzjoni tal-elettrifikazzjoni u l-użu tal-enerġija nadifa fis-settur tal-azzar u tal-metalli jistgħu jipprovdu benefiċċji għas-sistema tal-enerġija tal-UE filwaqt li jnaqqsu l-kostijiet tas-settur. L-azzar u l-metalli huma s-setturi industrijali bl-akbar potenzjal ta' rkupru tas-sħana mormija fl-UE, speċjalment fir-rigward tar-riżorsi tas-sħana ta' grad għoli li jistgħu jiġu rkuprati, il-gassijiet mit-tromba ta-ċumnija, il-likwidi u l-iskart b'temperatura għolja. Il-pompi tas-sħana b'temperatura għolja qed isiru alternattiva dejjem aktar versatili biex tintuża s-sħana żejda mill-proċessi, u b'hekk jonqsu l-ħtiġijiet ġenerali tal-enerġija tas-settur. Is-sħana mormija tista' tiġi rkuprata u użata wkoll fin-networks tat-tisħin distrettwali. **Il-Kummissjoni se tiżviluppa u tippromwovi approċċi standardizzati għall-irkupru tas-sħana mormija**, inkluż biex tirreplika mudelli bħal ftehimiet dwar ix-xiri tas-sħana u biex iżżid l-aqwa Prattiki dwar l-ippjanar integrat tal-infrastruttura tas-sħana, bħala parti mill-Istrateġija għat-Tisħin u t-Tkessiħ imħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Affordabbli.

<b>Azzjonijiet:</b>
Fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kummissjoni se tadotta l-att delegat dwar <b>l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju</b> .
Sat-tieni trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se toħroġ Gwida dwar it-tfassil tat-tariffi tan-network li toffri possibbiltajiet għal, fost l-oħrajn, <b>tariffi tan-network orħos għas-settur tal-metalli u industrijji oħra intensivi fl-enerġija</b> .
Sat-tieni trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se toħroġ prinċipji gwida li jidentifikaw il-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jingħataw <b>investimenti antiċipatorji</b> fil-proġetti tal-grilja.
Sat-tielet trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tiftaħ <b>it-tielet sejħa tal-Bank tal-Idroġenu</b> , imfassla biex tappoġġa l-produzzjoni u b'hekk tiffaċilita l-aċċess għall-offtakers industrijali, inkluż l-azzar.
Sar-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tippromwoni <b>l-iffaċilitar tal-aċċess għall-grilja</b> għall-proġetti tal-elettrifikazzjoni tal-industrija intensiva fl-enerġija.

Sar-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar it-tfassil tal-kuntratti għad-differenza, inkluż il-kombinament tagħhom mal-PPAs.

Fil-kuntest tar-rieżamijiet tal-ETS u tas-CBAM tal-2026, il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura miżuri adegwati (Linji Gwida jew b'forma oħra) għall-kumpens indirett tal-kostijiet tal-ETS wara l-2030.

## 2. NEVITAW IR-RILOKAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU

Biex jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu li jevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, **fl-2026 se jidħlu fis-seħħ l-obbligi finanzjarji tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), f'konformità mal-eliminazzjoni gradwali tal-kwoti bla ħlas skont l-EU ETS sal-2034.** Filwaqt li s-CBAM japplika għall-merkanzija importata, dan ma jindirizzax ir-riskji possibbli ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-metalli prodotti fl-UE li huma soġġetti għall-prezz tal-EU ETS u li jiġu esportati lejn il-pajjiżi terzi, li jikkompetu ma' produttori bbażati f'pajjiżi b'ambizzjonijiet klimatiċi aktar baxxi. Għalhekk, biex tindirizza dan l-iżvantaġġ, il-Kummissjoni se tipproponi soluzzjoni li tindirizza r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-merkanzija prodotta mis-setturi tas-CBAM fl-UE għall-esportazzjoni.

**It-tieni, hemm riskju li r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-merkanzija koperta mis-CBAM tista' tiċċaqlaq aktar 'l isfel fil-katina tal-valur.** Dan jista' jseħħ b'ċirkomvenzjoni, jiġifieri billi jkun evitati l-obbligi tas-CBAM permezz ta' modifiki żgħir fil-merkanzija bażika tas-CBAM, jew jekk il-konsumaturi tal-UE jibdeu jiffavorixxu l-merkanzija downstream importata minn produttori f'pajjiżi terzi li għandhom politiki dwar il-klima laxki. Barra minn hekk, il-kumpaniji li bħalissa qed jimmanifatturaw jew jipproċessaw merkanzija relatata mas-CBAM fl-UE jistgħu jirrilokaw l-operazzjonijiet tagħhom lejn dawn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni bħalissa qed tikkwantifika dawn ir-riskji u se tagħmel proposta li testendi s-CBAM għal ċerti **prodotti downstream** biex tindirizzahom, filwaqt li tqis ukoll il-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv.

It-tielet, **hemm riskju ta' ċirkomvenzjoni tal-objettivi tas-CBAM** meta merkanzija prodotta f'faċilitajiet tal-produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-pajjiżi terzi terġa' tiġi direzzjonata lejn klijenti Ewropej filwaqt li tissokta l-produzzjoni intensiva fil-karbonju għal swieq oħrajn (l-hekk imsejħa "riorganizzazzjoni"). Bl-istess mod, il-greenwashing jista' jsir bi prattiki kontabilistiċi tal-karbonju, bħall-produzzjoni ta' metalli intensivi fl-enerġija li tibbenefika minn strumenti bbażati fuq is-suq biex tidher b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li tibqa' tistrieħ fuq sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet għoljin jew prattiki kontabilistiċi qarrieqa dwar il-kontenut tar-ruttam<sup>27</sup>. Biex tindirizza ż-żewġ kwistjonijiet u tiżgura l-integrità tas-CBAM, il-Kummissjoni se tippreżenta strateġija kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-istrateġija se tivvaluta bir-reqqa dawn ir-riskji u tipproponi soluzzjonijiet biex tindirizzahom, inkluż emendi leġiżlattivi.

Meta titqies l-urġenza taċ-ċarezza f'dan il-qasam, il-Kummissjoni se tħaffef il-ħidma fuq l-estensjoni u t-tisħiħ tas-CBAM u se tfori minn qabel l-elementi ewlenin tar-riforma.

### Azzjonijiet:

<sup>27</sup> L-emissjonijiet indiretti tul il-Perjodu Tranżizzjonali attwali tas-CBAM jitqiesu fis-setturi kollha tas-CBAM. Fil-fażi Definitiva, dawn jitqiesu biss fil-fertilizzanti u fis-siment.

Sat-tieni trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se toħroġ **komunikazzjoni** li tipprovdi analiżi u alternattivi dwar kif għandha tiġi indirizzata l-problema tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju **għall-merkanzija tas-CBAM esportata mill-UE lejn il-pajjiżi terzi**

Sar-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se twettaq rieżami komprensiv tas-CBAM, flimkien ma' **strategġija kontra ċ-ċirkomvenzjoni u l-ewwel proposta leġiżlattiva:**

- **l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-CBAM għal ċerti prodotti downstream intensivi fl-azzar u fl-aluminju u**
- **l-inklużjoni ta' miżuri addizzjonali kontra ċ-ċirkomvenzjoni.**

### 3. NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU L-KAPAĊITAJIET INDUSTRIJALI EWROPEJ

**Il-kapaċitajiet żejda globali jheddu serjament il-profittabbiltà u l-kompetittività tal-industriji Ewropej. L-UE diġà adottat diversi miżuri għad-difiża tal-kummerċ fis-setturi tal-metalli kontra l-kompetizzjoni globali inġusta.** Bħalissa, il-ħadid u l-azzar hu s-settur bl-aktar miżuri għad-difiża tal-kummerċ fis-seħħ, u warajh hemm is-settur tal-metalli mhux ferrużi u l-minerali. Iżda l-industrija għadha mhedda minn kapaċitajiet żejda globali u minn distorsjonijiet globali miċ-Ċina u minn pajjiżi oħra li jappoġġaw b'mod artifiċjali lill-industriji domestiċi tagħhom jew jevitaw il-miżuri u s-sanzjonijiet tal-UE għad-difiża tal-kummerċ. L-UE hi l-uniku reġjun ewlieni tal-produzzjoni tal-azzar li qed iġarrab tnaqqis fil-kapaċità.

**Barra minn hekk, l-introduzzjoni mill-Istati Uniti tat-tariffi tal-importazzjoni ta' 25% fuq l-azzar u l-aluminju fit-12 ta' Marzu 2025 mhux biss se jkollha impatt negattiv fuq il-produtturi tal-UE għax tillimita l-aċċess għas-suq tal-Istati Uniti, inkluż għall-metalli komuni pproċessati f'aktar merkanzija downstream, iżda din se żżid ukoll il-perssioni mill-esportazzjonijiet li qabel kienu destinati għall-Istati Uniti li jistgħu jiġu direzzjonati mill-ġdid lejn l-UE.**

*Strumenti għad-difiża tal-kummerċ u miżuri kummerċjali oħra*

**L-UE wettqet rieżami tas-salvagwardja eżistenti tal-azzar** biex tindirizza l-aħħar żviluppi tas-suq u tiżgura l-effettività tal-miżura. Il-Kummissjoni wettqet investigazzjoni dettaljata tal-miżura attwali tas-salvagwardja tal-azzar u għamlet proposti lill-Istati Membri biex jaġġustawha ħalli jindirizzaw is-sitwazzjoni diffiċli li qed jiffaċċja s-settur tal-azzar tal-UE. L-aġġustamenti proposti se jipprovdu solliev sinifikanti fl-immedjat għall-produtturi tal-azzar tal-UE billi jiżguraw l-effettività tal-miżura, b'mod partikolari fil-kategoriji fejn il-perssioni tal-importazzjoni hija l-aktar akuta. B'mod partikolari, għet ikkunsidrata ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet flimkien ma' tnaqqis fid-domanda f'ċerti kategoriji.

Għalkemm il-miżura tas-salvagwardja se tiskadi legalment fit-30 ta' Ġunju 2026, mhuwiex raġonevoli li wieħed jassumi li l-kapaċitajiet żejda strutturali globali u l-impatt negattiv tagħhom relatat mal-kummerċ fuq l-industrija tal-azzar tal-UE, li skattaw l-użu tas-salvagwardja, se jisparixxu fl-1 ta' Lulju 2026. Għall-kuntrarju, l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ aktarx jaggravaw għax aktar u akbar pajjiżi terzi qed jadottaw miżuri maħsuba biex jillimitaw l-importazzjonijiet fis-swieq tagħhom, bir-riżultat li s-suq tal-UE qed jsir ir-riċevitur ewlieni tal-kapaċitajiet żejda globali.

**Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, hemm bżonn li jiddaħħlu miżuri protettivi xierqa u effettivi li jmorru lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2026 u li jikkontribwixxu**

biex fl-UE jkollna industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli. Għalhekk, sat-tielet trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tkun qed tippromovi miżura fit-tul li ttipprovdi livell effettiv ħafna ta' protezzjoni għas-settur tal-azzar tal-UE. Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li l-miżura l-għdida tkun fis-seħħ fil-ħin ħalli tiegħu post is-salvagwardja attwali u ttiprovdi l-grad effettiv ta' rimedju għall-effetti negattivi relatati mal-kummerċ ikkawżati mill-kapaċitajiet żejda globali. Se tqis il-bidliet fid-domanda tal-UE u kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà u tar-reżiljenza, filwaqt li żżomm ċertu livell ta' ftuħ fis-suq tal-UE. Dan l-approċċ bilanċjat se jharess l-interess tal-Unjoni, inkluż tal-produtturi u tal-utenti, kif ukoll tal-importaturi u tal-konsumaturi. Fl-istess ħin, l-UE, f'konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha, se tkompli timpenja ruħha mal-pajjiżi terzi u s-sħab multilaterali tagħha biex tindirizza l-kapaċitajiet żejda fil-livell dinji<sup>28</sup>.

Barra minn hekk, f'Diċembru 2024, il-Kummissjoni nediet **investigazzjoni ta' salvagwardja dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-ligar**, settur kritiku għall-ekonomija tal-UE għax dawn il-liġi jintużaw biex itejbu s-saħħa, id-durabbiltà u l-kwalità tal-azzar jew tal-aluminju; din se tiġi ffinalizzata sat-18 ta' Novembru 2025. Il-Kummissjoni mhux se toqgħod lura milli tiegħu miżuri addizzjonali tal-protezzjoni, jekk jitqiesu meħtieġa wara din l-investigazzjoni.

**Is-sitwazzjoni qed tiddeterjora wkoll fis-settur tal-aluminju.** Il-produtturi tal-UE tilfu sehem sostanzjali mis-suq fl-aħħar deċennju u, barra minn hekk, madwar 50% tal-kapaċità tal-produzzjoni primarja ilha tonqos mill-2021. It-tariffi tal-Istati Uniti fuq l-aluminju li tħabbu dan l-aħħar aktarx ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni minħabba t-theddida sinifikanti tad-devjazzjoni tal-kummerċ minn diversi destinazzjonijiet. **Din hi r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni bdiet tiġbor l-evidenza rilevanti biex tuża l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, inkluż billi tniedi investigazzjoni dwar miżura tas-salvagwardja minnufih malli ssir it-talba sostanzjata kif xieraq.**

**Il-Kummissjoni osservat xejra li qed tikber fejn il-produtturi esportaturi jippruvaw jevitaw il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ.** Din l-imġiba tirriskja li ddgħajef l-effettività tal-miżuri tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ tagħna. Dan ifisser li filwaqt li l-miżura anti-dumping jew antisussidji speċifika tindirizza kif xieraq l-importazzjonijiet diretti, dawn tal-aħħar jistgħu jiġu sostitwiti b'importazzjonijiet indiretti billi l-istadju aħħari tal-proċess tal-produzzjoni jsir f'pajjiż terz mhux soġġett għall-miżuri, qabel il-vjeġġ lejn l-UE, filwaqt li jiġi evitat il-ħlas tad-dazji. Biex tiżgura l-effettività tal-miżuri tagħna għad-difiża tal-kummerċ, bħala waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità, **il-Kummissjoni se tivvaluta jekk għandhiex tadatta l-prattika tagħha billi tintroduċi "regola tat-tidwib u tat-tferrigħ"**, li tippermetti lill-Kummissjoni taġixxi kontra l-pajjiż fejn kien iddewweb il-metall oriġinarjament, irrispettivament mill-post tat-trasformazzjoni sussegwenti u l-oriġini tal-oġġett kif determinat mir-regoli tradizzjonali mhux preferenzjali tal-oriġini. L-applikazzjoni ta' din ir-regola telimina l-possibbiltà li tinbidel l-oriġini tal-prodott tal-metall billi ssir trasformazzjoni minima u tingħata aktar ċertezza fit-traċċar tal-oriġini tal-prodott. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni se tibqa' viġilanti għax il-kapaċitajiet żejda ġġenerati skont kundizzjonijiet mhux tas-suq jista' jkollhom ukoll l-effett li jidderieġu lil produtturi mhux relatati bbażati fuq is-suq lejn pajjiżi terzi oħra biex jespertaw kwantitajiet lejn l-UE li jkunu spostati mis-swieq domestiċi tagħhom jew swieq oħra tradizzjonali mhux Ewropej.

**Biex tindirizza l-iżviluppi rapidi fis-swieq dinjin u tippoteġi l-industrija, il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-flussi kummerċjali u se tiftaħ**

<sup>28</sup> Pereżempju bħala parti mill-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar, pjattaforma ewlenija, li tlaqqa' flimkien 28 membru impenjati li jiżviluppaw u jimplimentaw soluzzjonijiet kollettivi għall-isfida tal-kapaċità żejda u jtejbju l-funzjonament tas-suq fis-settur tal-azzar.

investigazzjonijiet b' mod proattiv abbażi ta' "theddida ta' dannu", mingħajr ma tistenna li jseħħ dannu materjali. Fir-rigward tal-metalli soġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni, minbarra l-azzar u l-aluminju, sat-tielet trimestru tal-2025 il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-monitoraġġ imsaħħa tagħha tas-sitwazzjoni tas-suq għal dawn is-setturi u se tkun lesta li tipproponi azzjoni kummerċjali kif xieraq. Kif ħabbret fil-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħa l-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ eżistenti. **F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk ir-reġim attwali tar-Regola tad-Dazju Inferjuri jehliegħ xi bidliet.** L-UE se tkompli u tintensifika l-isforzi tagħha fil-kuntest multilaterali biex tindirizza l-isfidi dinjin li jsibu dawn is-setturi. Is-sitwazzjoni fis-settur tar-ram se tkun is-suġġett ta' monitoraġġ mill-qrib għax fi Frar 2025 l-Istati Uniti fetħet investigazzjoni, skont it-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-1962, fuq l-importazzjonijiet tar-ram, li tista' twassal għal aktar miżuri tariffarji u tfixkil fis-swieq dinjin. Bħala tali, l-Istati Membri Ewropej, għalkemm mhumiex fornituri ewlenin għas-suq tal-Istati Uniti, jistgħu jġarrbu implikazzjonijiet indiretti.

Minn Marzu 2022, **l-UE adottat firxa wiesgħa ta' sanzjonijiet fuq ir-Russja bħala rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna**, biex iddghajef il-bażi ekonomika tar-Russja, iċċaħħadha minn teknoloġiji u swieq kritiċi, u trażżan ġmielha l-abbiltà tagħha li tissokta bil-gwerra. Fost dawn is-sanzjonijiet hemm restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni tal-ħadid u tal-azzar, li huma wieħed mill-aktar settijiet stretti ta' sanzjonijiet settorjali applikabbli fuq ir-Russja. Minbarra l-projbizzjoni diġà fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-merkanzija tal-aluminju pproċessat mir-Russja, is-16-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja (adottat fl-24 ta' Frar 2025) jinkludi projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet tal-UE tal-aluminju primarju mir-Russja, b'mekkaniżmu ta' kwota li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel għan-negozju. Il-Kummissjoni se tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn is-sanzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, l-UE se timponi aktar miżuri biex tindirizza ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom.

Ir-reviżjoni mmirata tar-regoli tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi (REACH) fir-raba' trimestru tal-2025 se tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tar-regoli għall-industrija tas-sustanzi kimiċi mingħajr ma tikkomprometti s-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali. B'dan il-mod, din ir-reviżjoni se taħdem biex tiżgura ambjent regolatorju stabbli u prevedibbli għall-metalli li għandhom jiġu prodotti fl-UE u mqiegħda fis-suq tal-UE.

<b>Azzjonijiet:</b>
<b>Il-Kummissjoni pproponiet aġġustamenti għas-salvagwardja tal-azzar biex jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2025.</b> Il-miżura se ssir aktar stretta biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura u biex jiġu indirizzati l-aħħar żviluppi tas-suq.
Il-Kummissjoni lesta li tuża l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ u tniedi <b>investigazzjoni għal salvagwardji fis-settur tal-aluminju</b> minnufih malli ssir it-talba sostanzjata kif xieraq.
Sat-tielet trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tipproponi miżura kummerċjali li <b>tieħu post is-salvagwardji tal-azzar mill-1 ta' Lulju 2026</b> , li tipprovdi livell effettiv ħafna ta' protezzjoni mill-effetti negattivi relatati mal-kummerċ ikkawżati minn kapaċitajiet żejda globali.
Il-Kummissjoni se twettaq l-investigazzjoni dwar is-salvagwardji <b>tal-ferroligi</b> b' mod spedit, sat-18 ta' Novembru 2025.

Il-Kummissjoni se tivvaluta l-introduzzjoni tar-regola ta' **"tidwib u tferrigħ"** biex tintraċċa l-pajjiż fejn kien iddewweb u tferra' l-oġġett tal-metall oriġinarjament.

#### 4. NIPPROMWOVU Ċ-ĊIRKOLARITÀ GĦALL-METALLI

**Intejbu ċ-ċirkolarità bħala perkors importanti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-metall.** Pereżempju, ir-riċiklaġġ jista' jiffranka sa 95% u 80% tal-enerġija meħtieġa għall-produzzjoni tal-aluminju u tal-azzar primarju, rispettivament. Ir-riċiklaġġ tar-ruttam iġġenerat fl-UE jippermetti wkoll li jitnaqqsu d-dipendenzi tal-industrija tal-UE fuq il-materja prima primarja importata, bħall-boksajt/alumina/aluminju rikonoxxut bħala materja prima strateġika tal-UE, u fejn id-domanda mistennija tiżdied għmielha.

**Iżda l-volum tar-ruttam użat għar-riċiklaġġ fl-UE qed jonqos.** Dan minħabba żewġ fatturi: nuqqas ta' domanda mill-industrija tal-UE (speċjalment għall-azzar) u prezzijiet oġhla għar-ruttam imħallsa mill-produtturi tal-azzar u tal-aluminju f'pajjiżi terzi, spiss minħabba distorsjonijiet kummerċjali, eż. sussidji, jew kundizzjonijiet iġusti tas-suq. Minħabba dan, l-esportazzjonijiet tar-ruttam ferruż żdiedu b'aktar mid-doppju fl-aħħar ftit snin, u fl-2021 laħqu sa 19.43 miljun tunnellata (madwar 20% tar-ruttam totali ġġenerat fl-UE). L-2024 mistennija tilħaq rekord ġdid għar-ruttam tal-aluminju Ewropew, bl-esportazzjonijiet tar-ruttam tal-aluminju mistennija jaqbu l-1.3 miljun tunnellata.

Biex titreġġa' lura din it-tendenza, **l-ewwel objettiv hu li titħeġġeġ id-domanda billi jizzied l-użu ta' dawn ir-riżorsi fl-UE.** Biex jinkiseb dan, ir-ruttam għandu jintgħażel u jiġi ttrattat aħjar biex ikun żgurat li dan jintuża f'applikazzjonijiet ta' kwalità kbira bħall-karozzi. Din il-bidla teħtieġ investimenti mir-riċiklaturi u l-offtakers, kif ukoll inċentivi fil-livell tal-UE u nazzjonali<sup>29</sup>, u rekwiżiti tad-disinn għall-gruppi tal-prodotti rilevanti. Biex tiffaċilita l-użu tal-kontenut sekondarju f'setturi bħal dawn li tradizzjonalment jiddependu fuq il-metalli primarji, il-Kummissjoni se ttejjji l-istabbiliment ta' miri għall-azzar u l-aluminju rriċiklati f'setturi ewlenin b'mod kosteffettiv, filwaqt li fl-analiżi tagħha tqis l-abbiltà differenti li tgħaddi l-kostijiet fuq il-klijenti u l-kompetizzjoni dinjija. L-istudju tal-fattibbiltà dwar din l-adozzjoni fis-settur awtomobilistiku se jitlesta sa tmiem l-2026 bħala parti mir-Regolament dwar il-Vetturi li m'għadhomx jintużaw, bħalissa waqt il-kodeċizzjoni.

Il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-ħtieġa ta' **rekwiżiti tar-riċiklabbiltà u/jew tal-kontenut riċiklat** għal gruppi ta' prodotti addizzjonali, u ta' prijoritizzazzjoni tad-disinn tal-prodotti u tal-karatteristiċi tat-trattament tal-iskart li jiffaċilitaw is-separazzjoni tal-komponenti tar-ram mill-frazzjonijiet tal-azzar u tal-aluminju. Dan se jiġi indirizzat b'rekwiżiti f'atti delegati għal gruppi ta' prodotti rilevanti skont ir-Regolament dwar l-Ekodesinn għal Prodotti Sostenibbli u leġiżlazzjoni rilevanti oħra (ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, ir-Regolament dwar il-Vetturi li m'għadhomx jintużaw, l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari).

**Żieda fis-sehem tal-produzzjoni tal-metalli sekondarji tfisser bidla f'ċerti paradigmi tal-produzzjoni u mudelli tan-negozju.** F'konformità mar-regoli tal-antitrust, l-atturi tul il-katina tal-valur għandhom jikkollaboraw aħjar biex dan isir realtà u jegħlbu l-intrappolament f'mudelli tan-negozju stabbiliti. Għalhekk, il-Kummissjoni se tinvolvi lill-

<sup>29</sup> It-Taqsima 4.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija tippermetti għajnuna mill-Istat għall-effiċjenza fir-riżorsi u favur ekonomija ċirkolari: il-EUR-Lex - 52022XC0218(03) - MT - EUR-Lex

partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiddiskutu l-obbligi tar-riċiklabilità u tal-kontenut riċiklat, u kwistjonijiet relatati oħrajn. B'dan id-djalogu, il-Kummissjoni se tkun tista' tappoġġa t-tnejn tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari ppjanat għar-raba' trimestru tal-2026 u, meta rilevanti, fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli<sup>30</sup> u oqfsa xierqa oħra.

It-tieni, il-ħidma biex tizzied id-domanda domestika għar-ruttam tal-metall tista' tkun effettiva biss jekk il-kundizzjonijiet internazzjonali jibqgħu ġusti. **Azzjoni fuq il-provvista hi meħtieġa daqstant ieħor biex ikun żgurat aċċess għar-ruttam tal-produtturi tal-UE, filwaqt li jibqa' l-argument ta' vijabilità għar-riċiklaturi.** Ir-Regolament rivedut dwar il-Vjeġġi tal-Iskart<sup>31</sup> jipprovdi għodod ġodda li jiżguraw li l-esportazzjoni tal-iskart, inkluż tar-ruttam tal-metall, ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem fil-pajjiżi terzi, u l-Kummissjoni se tħaddem dawn l-għodod għall-iskart tar-ruttam tal-metalli.

Għadd importanti ta' pajjiżi terzi ma jippermettux li r-ruttam tal-metall jiġi esportat lejn l-UE, u dan inaqqas l-aċċess għal din il-materja prima sekondarja strateġika. Ċerti pajjiżi japplikaw ukoll sussidji iġusti biex jappoġġaw lill-industriji tagħhom tar-riċiklaġġ u tal-produtturi tal-metall. Din hi r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni qed timmonitorja s-sitwazzjoni u sa tmiem it-tielet trimestru tal-2025 se tikkunsidra tipproponix miżura kummerċjali, jekk ikun meħtieġ, biex tiżgura d-disponibilità biżżejjed tar-ruttam fl-UE, u f'dak il-proċess se tivvaluta wkoll ir-raġunament u l-possibilità li ddaħħal regola ta' reċiproċità bi qbil mal-obbligi internazzjonali tal-UE.

**Fis-suq uniku, ir-ruttam tal-metall għandu jiċċirkola liberament** biex ikun żgurat ir-riċiklaġġ tiegħu fil-faċilitajiet bl-aqwa prestazzjoni u jintużaw l-ekonomiji ta' skala. Iżda għal ċerti tipi ta' ruttam, għad hemm ostakli minħabba sistemi tal-klassifikazzjoni tal-iskart mhux armonizzati. L-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, imħabbar għar-raba' trimestru tal-2026, se jkompli jtejjeb il-funzjonament tas-swieq tal-materja prima sekondarja u joħloq suq uniku għall-iskart. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se teżamina wkoll jekk hemmx bżonn miżuri addizzjonali, bħal tariffi fuq l-esportazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni, biex tiġi promossa d-disponibilità tar-ruttam fl-UE ġġenerat bi standards ambjentali u soċjali għoljin u għall-prevenzjoni ta' "tnixxija tar-ruttam" potenzjali lejn il-pajjiżi terzi bi standards aktar baxxi.

It-titjib tal-funzjonament tas-suq uniku għas-settur tal-metalli jeħtieġ ukoll it-titjib tar-**rwol tal-istandardizzazzjoni**. Ngħidu aħna, bl-istandardizzazzjoni jkun jistgħu jiġu ffaċilitati l-promozzjoni tal-azzar b'saħħtu ħafna, l-użu mill-ġdid tal-azzar strutturali jew il-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji tal-azzar. Anki l-klassifikazzjonijiet tal-kwalitajiet tar-ruttam għandhom jiġu rfinati ħalli jkun jista' tqabbil aħjar tal-provvista tal-materja prima sekondarja mad-domanda fl-UE.

<b>Azzjonijiet:</b>
Sat-tielet trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tikkunsidra miżuri kummerċjali biex tiżgura d-disponibilità biżżejjed tar-ruttam.

<sup>30</sup> L-ewwel programm ta' ħidma dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli mistenni jiġi adottat fil-ġimgħat li ġejjin.

<sup>31</sup> Ir-Regolament 2024/1157 jinsab hawn: [Regolament - UE - 2024/1157 - MT - EUR-Lex](#)

Sar-raba' trimestru tal-2026, se jiġi ppreżentat l-istudju tal-fattibbiltà dwar l-obbligi tal-**kontenut riċiklat** għall-azzar u għall-aluminju skont ir-**Regolament dwar il-Vetturi li m'għadhomx jintużaw**.

Sar-raba' trimestru tal-2026, se ssir thejjiġa għall-introduzzjoni ta' obbligi tal-**kontenut riċiklat** għall-aluminju fil-**prodotti għall-bini** rilevanti u jissaħħa is-suq tal-materja prima sekondarja fl-UE bħala parti mill-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Sar-raba' trimestru tal-2026, se jiġi propost **Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari** biex ikompli jitjieb il-funzjonament tas-swieq tal-materja prima sekondarja u jinholq suq uniku għall-iskart.

Issir valutazzjoni tal-fattibbiltà li jiddaħħlu obbligi ta' **rekwiżiti tar-riċiklabbiltà u/jew tal-kontenut riċiklat** għall-azzar, għall-aluminju u għar-ram f'prodotti speċifiċi skont ir-Regolament dwar l-Ekodiżinn għal Prodotti Sostenibbli.

## 5. INĦARSU L-IMPJIEGI INDUSTRIJALI TA' KWALITÀ

B'dan il-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed timmobilizza l-għodod kollha tagħha għas-servizz ta' settur tal-azzar u tal-metalli b'saħħtu, prosperu u reżiljenti, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tiegħu u l-prosperità tal-forza tax-xogħol tiegħu. Dan qed nagħmluh biex nipromwovu u nħarsu l-impjiegi industrijali ta' kwalità li jħallsu pagi deċenti u li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli skont standards għoljin tas-saħħa u tas-sikurezza.

L-Ewropa għandha tradizzjoni twila ta' produzzjoni tal-azzar li fiha l-ħaddiema tal-azzar għandhom irwol ewlieni fil-pedament tal-manifattura Ewropea. Hu essenzjali li nħarsu dawn l-impjiegi ta' kwalità b'livell għoli ta' ħiliet u li jipprovdu paga deċenti, protezzjonijiet sodi tax-xogħol, u standards għoljin tas-saħħa u s-sikurezza, ħalli dawn isostnu l-kompetittività u l-valur soċjali għoli tas-settur.

Anki l-osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari b'rabta mal-informazzjoni u l-konsultazzjoni hija essenzjali, speċjalment billi s-settur tal-azzar għaddej minn trasformazzjoni mill-qiegħ minħabba t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-appoġġ kontinwu u t-tiżiħ tad-**djalogu soċjali** huma kruċjali għall-ġestjoni effettiva tat-tranżizzjoni, filwaqt li jkun żgurat li t-tradeunions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jaqdu rwol ċentrali, li jrawwem teħid tad-deċiżjonijiet inklużiv u jkun żgurat futur ġust u sostenibbli għall-ħaddiema u għall-industrija.

Barra minn hekk, **il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għandhom jaqdu rwol kruċjali wkoll biex jiżguraw tranżizzjoni ġusta** billi jipprovdu l-ħiliet meħtieġa lill-ħaddiema għall-industrija emerġenti, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet minn impjeg għal ieħor b'taħriġ mill-ġdid immirat u servizzi ta' kollokament, u jappoġġaw l-intraprenditorija, b'mod partikolari għall-ħaddiema żgħażaġh, in-nisa, l-impjegati akbar fl-età, u dawk minn reġjuni sottorappreżentati. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni ppreżentat l-**Unjoni tal-Ħiliet** bil-għan li toħloq il-ħiliet għal impjiegi ta' kwalità, ittejjeb il-ħiliet u tħarreġ mill-ġdid il-forza tax-xogħol hekk kif qed jinbidlu ir-rekwiżiti tal-impjiegi, u tiċċirkola l-ħiliet madwar l-UE. Anki l-Patt għall-Ħiliet, b'mod partikolari s-Sħubija fuq Skala Kbira għall-Industrija intensivi fl-Enerġija (inkluż l-azzar u l-metall)<sup>32</sup>, se jkun rilevanti f'dan il-kuntest.

<sup>32</sup> [https://pact-for-skills.ec.europa.eu/about/industrial-ecosystems-and-partnerships/energy-intensive-industries-large-scale-partnerships\\_en](https://pact-for-skills.ec.europa.eu/about/industrial-ecosystems-and-partnerships/energy-intensive-industries-large-scale-partnerships_en)

Barra minn hekk, biex tiżgura appoġġ aħjar lill-ħaddiema affettwati mit-tranżizzjonijiet, u kif diġà tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Karozzi, fir-rebbiegħa tal-2025 il-Kummissjoni se tippromovi **emenda mmirata għar-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni** biex testendi l-possibbiltà ta' appoġġ lill-kumpaniji li jwettqu proċessi tar-ristrutturar biex l-impjegati jitħarsu mir-riskju tal-qgħad. Barra minn hekk, biex tgħin lill-Istati Membri u lis-sħab settorjali jaħtfu aħjar l-opportunitajiet tal-Fond Soċjali Ewropew+, il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha b'mod attiv magħhom biex tiġbed l-attenzjoni fuq l-opportunitajiet offruti mill-FSE+, u biex tlaqqa' lill-atturi flimkien.

B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni Ewropea se tkompli tappoġġa lis-sħab soċjali biex tiżgura **tranżizzjoni ġusta u ekwa** tas-setturi tal-azzar u tal-metalli, b'mod partikolari fl-aktar reġjuni affettwati, filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda u s-suċċess tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Dan jeħtieġ approċċ komprensiv, flessibbli u integrat biex jgħin lill-ħaddiema, lill-familji tagħhom, u lill-komunitajiet tagħhom jiżguraw li l-ebda ħaddiem jew reġjun fl-UE ma jitħalla lura; din hi kundizzjoni vitali biex jissokta l-appoġġ pubbliku għat-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa.

**L-Osservatorju Ewropew tat-Tranżizzjoni Ekwa u l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità** mħabbin fil-Patt għal Industrija Nadifa se jkun strumentali fil-monitoraġġ tal-impatti tat-tranżizzjoni fuq l-impjiegi. Biex ikun żgurat proċess inklużiv ġust, l-impjegaturi jeħtieġhom jintegraw il-prinċipji tat-tranżizzjoni ġusta fil-proġetti kollha tat-trasformazzjoni industrijali, iħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema u jiżguraw impjiegi ta' kwalità għall-futur

<b>Azzjonijiet:</b>
Fir-rebbiegħa tal-2025, emenda għar-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.
L-Osservatorju Ewropew tat-Tranżizzjoni Ekwa se jkun qed jimmonitorja l-impatti tat-tranżizzjoni fuq l-impjiegi.

## 6. JITTAFFEW IR-RISKJI TAL-PROĠETTI TAD-DEKARBONIZZAZZJONI BI SWIEQ EWLENIN U APPOĠĠ PUBBLIKU

Ħafna investimenti fid-dekarbonizzazzjoni fl-industrija tal-metalli bħalissa mhumiex ekonomikament profittabbli. L-iffrankaw fl-immedjat tal-kostijiet tal-karbonju hu ġeneralment meġħlub miż-żieda fin-nefqa kapitali u operazzjonali, minħabba l-kostijiet għoljin tat-teknoloġija u l-kost okbar tat-trasportaturi tal-enerġija bħall-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għall-futur prevedibbli jidher li l-metalli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju se jibqgħu jiswew aktar mill-alternattivi tagħhom li jiġi prodotti konvenzjonalment. Biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-ħtiġijiet ta' appoġġ pubbliku, hu essenzjali li l-produtturi tal-metalli jiksibu premium ekoloġiku.

*Ħidma fuq is-swieq ewlenin*

**Is-swieq ewlenin, pubbliċi u privati, se juru t-triq għal adożzjoni usa' tal-metalli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħala l-istandard tas-suq.** F'dawn is-segmenti tas-suq, b'mod partikolari daww fejn l-akkwist pubbliku, is-sussidji jew l-inċentivi regolatorji jaqdu rwol biex jissawwar is-suq, ċerti rekwiżiti jew inċentivi mmirati

joħolqu domanda affidabbli li tista' tinqeda minn metalli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jkunu prodotti fl-Ewropa.

Kif ħabbret fil-Patt għal Industrija Nadifa, **il-Kummissjoni se tipproponi li bħala parti mill-Att dwar l-Aċċelleratur tad-De karbonizzazzjoni Industrijali tintroduċi kriterji tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà biex trawwem provvista Ewropea nadifa għas-setturi intensivi fl-enerġija**. Dawn il-kriterji (eż. nodfa, reżiljenti, ċirkolari, ċibersiguri) se jsaħħu d-domanda għal prodotti nodfa magħmulin fl-UE, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għal teknoloġija nadifa, jipromwovu l-innovazzjoni kif ukoll standards ambjentali u soċjali tal-UE, u se jiżguraw kundizzjonijiet ekwi. Dan jista' jwessa' l-applikazzjoni tal-kriterji mhux tal-prezz għall-baġit tal-UE, il-programmi ta' appoġġ nazzjonali kif ukoll l-akkwist pubbliku (u f'xi ċirkostanzi, privat), għall-benefiċċju tal-industriji intensivi fl-enerġija. L-industriji tal-azzar u tal-metalli, kif ukoll l-industriji downstream tagħhom: il-karozzi, il-kostruzzjoni, il-makkinarju, se jitqiesu fost is-setturi tal-applikazzjoni, u l-kompetittività tal-ktajjen tal-provvista kollha se tiġi vvalutata wkoll fit-tfassil ta' programmi tal-UE u nazzjonali tal-appoġġ.

Biex l-industriji li jinvestu fid-dekarbonizzazzjoni jkunu jistgħu jiksbu l-“premium ekoloġiku”, l-Att dwar l-Aċċelleratur tad-De karbonizzazzjoni Industrijali se **jiżviluppa tikketta volontarja dwar l-intensità tal-karbonju tal-prodotti industrijali**, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni, abbażi ta' metodoloġija sempliċi bid-data tal-ETS u li jibni fuq il-metodoloġija tas-CBAM. Dan għandu jkun il-bażi għal aktar involviment fil-ħidma internazzjonali dwar il-kejl tal-intensità tal-karbonju. Fl-interess tal-ħeffa, il-Kummissjoni se tibda bl-azzar fl-2025. Dan se jkun ibbażat fuq rappurtar eżistenti mill-industrija, jew, meta disponibbli, metodoloġija komuni.

B'mod paralleli, il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq l-iżvilupp ta' **valutazzjonijiet komprensivi taċ-ċiklu tal-ħajja biex ittejjeb is-sostenibbiltà tal-prodotti**. Fir-rigward tal-azzar, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli se jikkomplimenta t-tikketta tal-Att dwar l-Aċċelleratur tad-De karbonizzazzjoni Industrijali billi jiżviluppa rekwiżiti għall-prodotti b'kontenut għoli ta' azzar u jżid il-kriterji ambjentali rilevanti lil hinn mill-impronta tal-karbonju. B'dan il-mod, il-konsumaturi jkunu jistgħu jaraw l-impronta ambjentali tal-prodotti rilevanti.

#### *Intaffu r-riskji tal-proġetti b'kostijiet għoljin tal-investment*

Azzjoni fuq l-ostakli kollha msemmija hawn fuq diġà se tgħin biex jiżdied l-argument ta' vijabbiltà. Iżda għall-investimenti hemm bżonn appoġġ pubbliku u privat ħalli tkun żgurata t-tranżizzjoni, tingħata spinta lill-kompetittività, u tkun żgurata r-reżiljenza tal-katina tal-valur. Hemm bżonn jingħeleb l-effett ta' mqass b'rabta mal-kapaċità żejda dinjija li ħafna drabi tiskatta minħabba Prattiki kummerċjali inġusti, u b'rabta ma' kostijiet tal-enerġija oġhla minn dawk ta' ħafna mill-kompetituri internazzjonali. F'ċerti każijiet, bħan-nikil, il-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet xprunati mill-influenza tal-kompetituri ġeopolitiċi, ikunu theddida għas-sigurtà tal-investment. Biex dan jiġi evitat u jkun żgurat li l-industrija Ewropea tibbenefika minn materja prima kritika prodotta b'mod sostenibbli, se nwettqu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika u naħdmu mill-qrib flimkien mal-pajjiżi terzi sħab biex nimplimentaw il-pilastru relatat mal-ESG mis-Sħubijiet Strateġiċi tagħna dwar il-ktajjen tal-valur tal-materja prima. Se nissoktaw bil-ħidma konġunta fil-fora internazzjonali bħall-G7 dwar il-promozzjoni ta' standards tas-sigurtà ekonomika għall-Mekkaniżmu ta' Rispons għall-Kriżijiet, u n-nikil b'mod partikolari.

**Il-kostijiet kapitali għoljin spiss jingħaqdu ma' kostijiet operatorji ferm ogħla għall-proċessi tal-produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija nadifa.** Skont stimi tal-industrija, il-ħtiġijiet finanzjarji annwali għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-azzar huma stmati għal EUR 5.2 biljun għan-nefġiet kapitali u EUR 9 biljun għan-nefġiet operazzjonali sal-2030<sup>33</sup>. Għall-metalli mhux ferużi, l-industrija tal-aluminju tistma l-ħtiġijiet tal-investiment annwali għal madwar EUR 1.3 biljun sal-2050 għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, filwaqt li għar-ram dan jikkorrispondi għal madwar EUR 211.5 miljun sal-2050. Ħafna minn dawn il-proġetti aktarx ma jkunux fattibbli ekonomikament fl-ambjent attwali u jkunu jeħtieġu finanzjament pubbliku biex jingħelbu l-esternalitajiet teknoloġiċi u ambjentali.

**L-UE diġà kienet pjuttost attiva fl-appoġġ ta' proġetti bħal dawn.** Minn Ottubru 2022 sa Frar 2025, il-Kummissjoni approvat kważi EUR 9 biljun ta' għajjuna mill-Istat għal 10 proġetti individwali tad-dekarbonizzazzjoni tal-azzar. Diversi proġetti tad-dekarbonizzazzjoni tal-azzar irċevew ukoll appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni tal-UE. Proġetti oħrajn irċevew appoġġ minn skemi ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni miftuħa għas-setturi kollha intensivi fl-enerġija. Il-Kummissjoni approvat għadd ta' skemi ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni industrijali bħal dawn, inkluż fil-forma ta' kuntratti għad-differenza għall-karbonju<sup>34</sup> għal diversi Stati Membri, u l-Kummissjoni se tipprovdi gwida dwar kif dawn it-tip ta' skemi ta' appoġġ jistgħu jiġu strutturati bl-aħjar mod skont ir-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat. Eżempji riċenti ta' skemi approvati li se jkunu ta' benefiċċju jew jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-industrija tal-azzar huma żewġ skemi Slovakkji b'baġit totali ta' EUR 1.1 biljun, skema Taljana ta' EUR 550 miljun, skema Ġermaniża ta' EUR 4 biljun, skema Franċiża ta' EUR 3 biljun, skema Awstrijaka ta' EUR 2.7 biljun u skema Ċeka ta' EUR 2.5 biljun. Barra minn hekk, ġew iffinanzjati proġetti oħrajn mill-UE<sup>35</sup>, fosthom biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-materja prima u l-enerġija.

Biex jiġi attirat aktar finanzjament privat, se jkun meħtieġ appoġġ pubbliku addizzjonali, mill-innovazzjoni sal-espansjoni u l-varar, filwaqt li jinżamm ambjent ekwu fis-suq uniku kollu.

**Fl-istadju tal-innovazzjoni**, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (RFCS) jipprovdi finanzjament importanti għas-settur tal-azzar, filwaqt li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn azzar nadif u d-dekarbonizzazzjoni industrijali ġenerali tas-settur. Il-Kummissjoni se tnedi inizjattivi ewlenin fl-2026 u l-2027 li jimmobilizzaw EUR 150 miljun u li jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex is-settur isahha id-dimensjoni tar-riċerka fil-qasam tad-difiża Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi **riforma ġenerali tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar**, biex tissimplifika u tħaffef aktar l-investimenti fir-riċerka dwar l-azzar, inkluż ir-riċerka dwar l-applikazzjonijiet tad-difiża.

Barra minn hekk, kif tħabbar fil-Patt għal Industrija Nadifa, se jkun hemm sejħa ewlenija ta' Orizzont Ewropa ta' madwar EUR 600 miljun mill-programm ta' ħidma 2026-2027 biex jiġu appoġġati l-proġetti li huma adattati biex jiġu varati, inkluż fl-industrija tal-azzar u tal-metalli.

Din is-sejħa se tkun qed tikkomplimenta l-isforzi attwali tar-riċerka dwar id-dekarbonizzazzjoni, iffinanzjati minn Orizzont Ewropa, inkluż it-teknoloġiji tar-riċiklaġġ biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-metalli fl-UE.

<sup>33</sup> <https://www.eurofer.eu/issues/climate-and-energy/maps-of-key-low-carbon-steel-projects>

<sup>34</sup> Li fihom l-appoġġ jitħallas għal kull tunnellata ta' gass serra evitat matul it-tħaddim ta' impjant b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju wara t-tnaqqis tal-prezz tal-karbonju.

<sup>35</sup> Eż. LIFE16 ENV/ES/000242 LIFE-2-ACID, LIFE16 ENV/IT/000231 LIFE 4GreenSteel, LIFE19 CCM/IT/001334 LIFE HEATLEAP.

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE) stabbilit skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali se jħaffef l-adozzjoni tat-teknoloġiji ekoloġiċi għat-trasformazzjoni industrijali. Is-sejbiet tal-INCITE se jiffasslu biex jinfurmaw l-appoġġ finanzjarju u d-deċiżjonijiet tal-investment tal-awtoritajiet pubbliċi, tas-settur finanzjarju u tal-investituri privati.

**Fl-istadju tal-espansjoni, il-Kummissjoni ħabbret Bank tad-De karbonizzazzjoni Industrijali bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa** li jimmira għal finanzjament ta' EUR 100 biljun abbażi tal-fondi disponibbli fil-Fond għall-Innovazzjoni, dħul addizzjonali minn partijiet tal-ETS, u r-reviżjoni ta' InvestEU. Il-Kummissjoni fl-2025 se tniedi rkant pilota b'EUR 1 biljun fuq id-de karbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali ewlenin f'diversi setturi, inkluż l-azzar u l-metalli, biex tappoġġa d-de karbonizzazzjoni industrijali u l-elettrifikazzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti fil-Fond għall-Innovazzjoni. L-Istati Membri qed jitħeġġu jżewġu l-appoġġ tal-Fond għall-Innovazzjoni ma' rkantijiet bħala servizz.

Fil-programmi tal-finanzjament kollha se tingħata attenzjoni għas-simplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament biex jonqsu l-isforzi u l-għarfien espert meħtieġa għall-applikazzjoni għall-appoġġ pubbliku. Dan se jgħin lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fis-settur biex jiksbu wkoll aċċess għal dawn il-programmi tal-finanzjament.

#### *Nappoġġaw proġetti konkreti permezz tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika*

L-aluminju, ir-ram u n-nikil, kif ukoll ħafna elementi li jilligaw l-azzar, huma fl-istess ħin materja prima kritika. Għalhekk dawn jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika, maħsub biex jaħtaf il-potenzjal tal-materja prima tal-UE tul il-katina tal-valur kollha, mill-esplorazzjoni u l-estrazzjoni sal-ipproċessar u r-riċiklaġġ. Il-Kummissjoni se tħabbar **l-ewwel ċiklu ta' Proġetti Strateġiċi magħżula f'Marzu 2025, inkluż għall-aluminju, ir-ram u n-nikil, fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi terzi sħab.** Dawn se jibbenefikaw minn proċeduri ssimplifikati għall-għoti tal-permessi, u l-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati biex tiżgura l-aċċess għall-finanzjament għal dawn il-proġetti, u biex tidentifika l-offtakers meta rilevanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem biex iżżid l-istabbiltà tas-swieq tal-materja prima, biex tevita fluttwazzjonijiet eċċessivi fil-prezzijiet li jistgħu jpoġġu l-proġetti Ewropej f'riskju. **Il-pjattaforma ta' aggregazzjoni tat-tlaqqigħ tad-domanda/provvista** li għandha titnieda din is-sena tista' tkun ta' ġid ukoll għas-setturi tal-metalli komuni, iżżid l-opportunitajiet tan-negozju u tipprovdi ċertezza addizzjonali fit-tul għat-tranżazzjonijiet.

#### *Ħidma fuq is-simplifikazzjoni regolatorja*

Barra minn hekk, is-setturi tal-azzar u tal-metalli huma fost l-aktar setturi industrijali regolati b'mod estensiv fl-UE. Il-piż regolatorju li jiffaċċjaw dawn il-kumpaniji jeżerċita pressjonijiet importanti fuq ir-riżorsi tagħhom, filwaqt li jieħu l-ħin mill-oġettivi ewlenin tan-negozju tagħhom, speċjalment għall-SMEs. Għall-kompetittività tas-setturi tal-azzar u tal-metalli tal-UE hu importanti li nindirizzaw din ir-restrizzjoni. Fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat l-ewwel żewġ proposti ġodda, l-hekk imsejħa pakketti Omnibus, ta' miżuri tas-simplifikazzjoni li se jnaqqsu l-burokrazija u jissimplifikaw ir-regoli tal-UE. Din is-sena se jiġu adottati oħrajn addizzjonali.

**Azzjonijiet:**

Fir-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tipproponi l-introduzzjoni ta' kriterji tar-**reżiljenza u tas-sostenibbiltà** bħala parti mill-Att dwar l-Aċċelleratur tad-De karbonizzazzjoni Industrijali biex issaħħaħ il-produzzjoni tal-prodotti nodfa magħmulin fl-UE.

Fir-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tipproponi **riforma tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar**.

Fl-2025, fid-dawl tal-Bank tad-De karbonizzazzjoni Industrijali futur, il-Kummissjoni se tnedi **rkant pilota** ta' EUR 1 biljun li jappoġġa d-de karbonizzazzjoni industrijali u l-elettrifikazzjoni ta' proċessi industrijali ewlenin f'diversi setturi, permezz ta' kombinament ta' riżorsi eżistenti fil-Fond għall-Innovazzjoni, u b'hekk tiffaċilita wkoll l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali tal-azzar u tal-metall. L-Istati Membri qed jitħeġġu jżewġu l-appoġġ tal-Fond għall-Innovazzjoni ma' rkantijiet bħala servizz.

Fl-2026 u l-2027 il-Kummissjoni se tnedi sejħiet ewlenin bil-**Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar**.

## 7. NAĦDMU FLIMKIEN FUQ L-IMPLIMENTAZZJONI GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA

Biex nindirizzaw l-isfidi tal-kompetittività, soċjali u tad-de karbonizzazzjoni għall-industrija tal-metalli hemm bżonn interazzjoni mill-qrib u aktar intensa tal-partijiet ikkonċernati kollha. Il-Kummissjoni se timmonitorja **kontinwament** is-sitwazzjoni fis-settur, ir-reżiljenza u d-de karbonizzazzjoni kontinwa tiegħu u l-aġġustamenti possibbli meħtieġa fil-politika, bi djalogu mas-settur, mas-sħab soċjali u mal-koleġislaturi.

**L-implimentazzjoni tal-perkors tat-tranżizzjoni għas-setturi tal-metalli** se tipprovdi lok kostanti għal djalogu bejn l-industrija, it-tradeunions u partijiet ikkonċernati oħra. Il-mandat tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Industrija intensivi fl-Enerġija se jiġġedded għal perjodu ieħor ta' 4 snin biex tkun tista' ssir din l-implimentazzjoni. Dan se jipprovdi pjattaforma għall-monitoraġġ tal-aħħar żviluppi dwar kwistjonijiet marbuta mal-kompetittività u d-de karbonizzazzjoni tal-industrija tal-metall bħall-kostijiet tal-enerġija, il-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-kapaċitajiet żejda globali.

Is-setturi tal-azzar u tal-metalli huma indispensabbli għall-bażi industrijali tal-Ewropa, għar-reżiljenza, is-sigurtà ekonomika, id-difiża u l-istabbiltà soċjali tagħna. Il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jaħdmu flimkien fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni biex jiżguraw li nżommu u nsaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni fl-Ewropa u niżguraw provvista stabbli u affidabbli għall-industrija ewlenin tagħna, inkluż id-difiża.